# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dylan Abela**
**Matthew Spiteri**

**Kawza numru: 4146/2023**

**Illum 11 t'April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Dylan Abela** ta' 26 sena iben Stephen Abela u Rachel Abela nee Sciberras imwieled il-Pieta' nhar it-12 ta' Lulju 1996 u residenti ġewwa 16, Strand, Triq Ruzar Mizzi, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 292496M

**U**

**Matthew Spiteri** ta' 27 sena iben Charles Spiteri u Maria Carmela Spiteri nee Borg imwieled Zebbug nhar is-16 ta' Mejju 1995 u residenti ġewwa 2,

Sqaq il-Mithna Nru 1, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 209495M

**Akkużati** talli f'dawn il-Gzejjer u cioe nhar is-6 ta' Marzu 2023 kif ukoll fil-jiem/ġimghat u xhur ta' qabel:

1. B'diversi atti maghmula minnhom li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u cioe ġewwa Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta, minghart il-hsieb li tisirqu jew li taghmlu l-hsara kontra l-ligi iżda biss biex tezercitaw jedd li tippretendu li ghandkom, fixkiltu lil Joseph Galea fil-pussess ta' hwejjgu;

2. Ukoll talli fl-istess jiem u ċirkostanzi gibtu ruhkom b'mod li tajtu fastidju lil Joseph Galea meta kontu tafu jew messkom kontu tafu li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.[1]

Hadet nota li din il-kawza hija konnessa mal-kawza Il-Pulizija vs Joseph Galea fil-lista tal-lum kawza numru 8838/2023 u li l-provi kollha li ngabu waqt il-proceduri japplikaw fiz-zewg kawzi, hekk kif verbalizzat waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2025.[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottmissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Folio 1 tal-process.

[2] Folio 15 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni ta' disgwid bejn girien ossija Dylan Abela u Matthew Spiteri kontra Joseph Galea u vice-versa u dan fis-6 ta' Marzu 2023 kif ukoll fil-jiem/gimghat u xhur ta' qabel. Id-disgwid huwa fuq propjeta' 81, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta.[3] Joseph Galea permezz tal-prezenti kawza qed jallega li l-imputati qed ifixxkluh minn hwejjgu u li qed jaghtuh fastidju.

**Provi**

Xehdet **PS 2145 G. Camilleri** li spjegat li kien mar l-Ghassa Joseph Galea u qal li fuq il-fond de quo diga' hemm kaz il-Qorti. Qal li huwa ghandu garage bin-numru 79, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u bejn il-garage tieghu u l-propjeta' tal-imputati hemm kamra minghajr saqaf u qal li l-bennejja fethu access minn go din id-dar numru 83 ghal din il-kamra minghajr saqaf.

Tispjega li l-imputati irrapurtaw gewwa l-ghassa tar-Rabat, Malta fil-prezenza tal-Avukat Christian Camilleri fejn sahqu li kemm il-propjeta' 83 kif ukoll 81 hija taghhom u xtrawhom legalment permezz ta' zewg kuntratti. Qalu li fir-rigward tal-propjeta' 81 diga' hemm rapport fuq raggion fattasi kontra Joseph Galea u li tahom fastidju. Qalu li l-kawza li qed jaghmel referenza ghaliha Galea hija dik li fethu kontrih bin-numru ta' referenza 737/2022. Qalu li huma ghandhom il-permessi kollha tal-MEPA u ghalkemm Galea oggezzjona huma xorta inghataw il-permessi. Fis-6 ta' Marzu 2023 Galea qal ukoll li saru x-xogholijiet minghajr il-permess

[3] Kwerela a folio 22 tal-process.

tieghu u saru xi hsarat fil-katusi ukoll. Qal ukoll li tpoggew xi knatan wara l-bieb biex b'hekk inghalaq l-access.[4]

Gie ezebit kuntratt ta' xiri minn Dylan Abela u Matthew Spiteri redatt minn-Nutar Dottor David Joseph Borg li jgib id-data 21 ta' Jannar 2022.[5] Il-propjetajiet 83 u 81 fi Triq il-Qadima il-Mosta huma it-tnejn imsemmijin.[6]

Gie ezebit kuntratt iehor data 24 ta' Frar 2022 redatt ukoll minn-Nutar Dottor David Joseph Borg bejn Dylan Abela u Matthew Spiteri u Anna Rita Caruana fejn dawn xtraw il-kamra 81, Triq il-Mithna il-Qadima Mosta.[7]

Gie esebit ritratt a folio 67 fejn jidher Joseph Galea wara l-bieb ma' persuna ohra li qed jaghmlu xi haga. Gie esebit ukoll estratt li hemm kawza bejn Spiteri Matthew et vs Galea Joseph li qed tinstema' quddiem l-Onorevoli Imhallef Anna Felice[8].

Hadet nota li hemm ukoll kawza fl-ismijiet Joseph Galea vs Dylan Abela u Matthew Spiteri (Rikors Nru. 341/2023) milli jidher quddiem l-Onorevoli Imhallef Miriam Hayman.[9]

---

[4] Folio 5 tal-process.

[5] Folio 24 tal-process.

[6] Folio 35 tal-process.

[7] Folio 49 tal-process.

[8] Folio 68 tal-process. Din il-kawza giet intavolata fil- 11 ta' Awwissu 2022 jigifieri **qabel** is- 17 ta' Settembru 2022 li hija id—data tat-tluq ta' dawn il-proceduri.

[9] Folio 66 tal-process. Minn numru tar-referenza jidher li din il-kawza infethet fl- 2023 jigifieri **wara** li sari r-rapport fuq din il-vertenza ossija 17 ta' Settembru 2022.

Xehed **Dylan Abela** nhar it-3 ta’ Mejju 2024 li wara li gie debitament imwissi skond il-ligi ghazel li jixhed. Jghid li Joseph Galea ipprova jaghmel padlocks mal-bieb tal-propjeta’ taghhom.[10] Ghamel kantazzi. Jghid li huma xtraw il-propjeta’ 81, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta. Jghid li l-propjetarja Anita Caruana taghthom l-unika cwievet li kellha li jaghti ghal dan il-bieb li kien bil-katnazz. Marru u bdew jaghmlu certa xogholijiet mal-haddiema taghhom. Jum fost l-ohrajn cemplilhom wiehed mill-haddiema u qalilhom li Joseph Galea mar jghajjat maghhom. Jghid li huma ma kienux joqghodu hemm u wara xi jiem marru fl-imsemmija propjeta’ bin-numru 81 u sabu katnazz iehor. Huma marru jaghmlu rapport lill-pulizija. Jghid li Joseph Galea ammetta li l-katnazz ghamlu hu. Jghid li baghtulu ittra legali biex ma jkomplix b’ dan l-agir u jieqaf jaghtihom fastidju. Jghid li ghamnlu CCTV u wara xorta is-Sur Galea ghamel katnazz iehor fuq il-katnazz taghhom. Kienu regghu marru l-ghassa u u ghamlu rapport. Jghid li huma kellhom il-permess ghax-xogholijiet pero’ kien hemm oggezzjoni mis-Sur Galea. Huma talbu lil-perit taghhom biex jaghmel kuntatt mas-Sur Galea biex imur jaghmel rapport fuq il-propjeta’ tieghu biex jezamina jekk kellux xi hsarat qabel ma kien ser jibda ix-xoghol izda hu ha il-ligi b’ idejh u ghamel il-katnazz tieghu. Jghid li wara il-kwerela taghhom u ghamel kwerela ukoll.[11] Jghid li l-filmanti fil-pen drive nizzilhom hu mic-CCTV tal-propjeta’ taghhom. Jghid li fis- 17 ta’ Settembru 2022 twahhal il-katnazz.

Kontro-ezaminat jghid li ma jidhirlux li Galea kellu xi jedd legali fuq il-kamra. Jghid li kellu dizgwid mas-sid precedenti kien mas-sid ta’ qabel u dan fuq in-numru 79 u mhux fuq il-propjeta’ taghhom. Hu jaghti deskrizzjoni ta’ x’kien hemm fil-kuntratt precedenti qabel l-akkwist

[10] Folio 56 tal-process.

[11] Folio 58 tal-process.

taghhom. Ma jesistix l-ebda kuntratt li din il-kamra tappartjeni lil Galea. Jghjid li ic-cavetta li tawh kienet tiffitja gol-katnazz li kien hemm. Dik ic-cavetta dahlu diversi drabi biha u diversi nies. Jghid li Galea wahhal katnazz fuq il-katnazz taghhom.

Ri-ezaminat jghid li fil-kamra kien hemm hafna imbarazz u haxix hazin. Din il-kamra kienet abbandunata. Il-gibja li hemm fiha tista' tidhol minnha kemm mill-propjeta' 81 kif ukoll mill-83.

Kontro-ezaminat jghid li l-kamra hija bla saqaf, bitha. Kienet waqghet fi zmien il-gwerra. Kien hemm hafna haxix hazin, qisu ma dahal hadd. Jikkonferma li ghalih il-kamra kienet abbandunata. Ma jaqbilx li l-katnazz tieghu kien tas-sur Galea.Jghid li il-katnazz kien tas-sid originali u huma inaghatw ic-cavetta u huma dejjem uzaw ic-cavetta li inghatatilhom.[12]

Xehed **Matthew Spiteri** nhar it-3 ta' Mejju 2024 fejn ikkonferma l-verzjoni ta' Dylan Abela.[13]

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-materja ta' *ragion fattasi*, ossija l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Kodici Kriminali jghid is-segwenti:

[12] Folio 66 tal-process. Il-*parte civile* ezebit diversi dokument dwar il-provenjenza tat-titolu a folio 68 sa 133 tal-process. Dawn ukoll mhux originali jew vera kopja u ghalhekk jistghu jigu ikkonsidrati biss fl-isfond tax-xhieda ta' Spiteri u Abela.

[13] Folio 70 tal-process.

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minnflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa:

Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor:

Iżda f'każijiet ta' żgumbramenti arbitrarji jew sfurzati ta'okkupant mill-proprjetà li huwa jokkupa bħala r-residenza primarja tiegħu, inkluż kwalunkwe dħul mhux permess fil-proprjetà, it-tneħħija ta' għamara, apparat domestiku jew affarijiet personali mill-proprjetà, jew is-sospensjoni jew interruzzjoni ta' servizzi tad-dawl utal-ilma, b'kull mod, inkluża l-istallazzjoni ta' apparati li jippermettu lis-sid jissospendi l-provvista diretta tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma lill-proprjetà, il-multa ma għandhiex tkun inqas minn elf u ħames mitteuro (€1,500) u mhux aktar minn erbat elef euro (€4,000).

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

Din l-offiza giet ikklassifikata mil-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra.

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-**Notes on Criminal Law** fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

***'These crimes attack the State but indirectly, in as much as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'***

Fi kliem il-gurista Carrara "La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel

fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti."

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lill-individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita' pubblika. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra.

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'***L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espresa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.***'

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

***'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'***[14]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Godfrey Casha** deciza fit-12 ta' Marzu, 2019, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.), dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Micallef**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom

[14] Ara ukoll **Il-Pulizija vs Consiglio Abela** (App. Nru. 249/2020) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron M. Bugeja nhar id-29 ta' April 2021; **Il-Pulizija vs Jane D' Alfonso** (App. Nru. 30/2014) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar l-20 ta' Marzu 2019; **Il-Pulizija vs Kisinchand Mohnani** (App. Nru. 121/2017) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2019 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.

addirittura s-seta’ li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali.”[15]

**Il-gurista Carrara** li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta’ dawn l-erba’ elementi ta’ raġion fattasi jispjega dan l-element bhala “un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ...” Ikompli jghid li “Chi e’ nell’ attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl’ interessati, o per decreto dell’autorità giudiciale.”[16]

Gie ritenut illi : “Element importanti kostituttiv ta’ dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni volontarji fuq proprjeta’ ta’ haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.” Il-Qorti tal-Appell kompliet illi “Fuq kollox: Dawn l-elementi gew riportati f’sentenzi ohra fosthom Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et, deciza fit-30 ta’ Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali: “L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b’idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet filkamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo.”

---

[15] Deciza fl-14 ta’ Ottubru 1944 u riportata f’Vol. XXXII.iv.768

[16] Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI,

"L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said** u **Il-Pulizija vs Vincent Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li "element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha." F'dan is-sens wkoll is-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996.

Illi dawn il-principji gew abbraccjati wkoll sa ricentament mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **The Police vs Deidre Nyasa Rolfe Hornloyd Strickland,**[17] fejn dik il-Qorti rriteniet illi: "In fact the elements of this crime were elaborated by Mr. Justice William Harding in the case Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) as well as other more recent judgments such as the one delivered by Mr. Justice Lawrence Quintano in **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, on the 20th June 2014 as based on the views of Carrara.

[17] Deciza fl-10 ta' Dicembru 2020

Thus the elements of ragion fattasi are :- a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;

While this exposition of the elements of this crime reflects the writings of Carrara, Maltese Courts have also adopted the interpretation propounded by other authors who commented on the defunct Borbonic Code. Thus they came to accept that the crime of ragion fattasi is not based on the mere disturbance of a right of possession over a thing – whatever form that right may take. In order for this crime to subsist, it must be proven, beyond a reasonable doubt, that the person allegedly falling victim of this crime (passive subject) had a form of right of possession over the thing in question.

Thus according to Maltese case law the detention on mere tolerance of a house by a spouse was held to be sufficient for a ragion fattasi conviction in case where the other spouse decided to change the lock of the front door (on the same day when a Court declared their marriage null and void). The Court held that the spouse who changed the lock disturbed the right of the other spouse who was holding the tenement on mere tolerance and therefore was guilty of ragion fattasi. The reasoning was that the spouse who changed the lock was, by his or her unilateral act, arbitrarily and abusively changing the status quo relating to the possession of the thing as prevailing between the parties at that moment in time. This status quo should not have been disturbed unilaterally by the active subject but should have only been changed by the competent judicial authorities following the appropriate legal action being instituted by the party feeling aggrieved due to the (continued) possession of the other spouse.

In the case **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**, decided by the Court of Criminal Appeal on the 22nd October 2001 wherein it was stated that: "Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga."

Fl-appell **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**, deciz fit-22 ta' Ottubru 2001 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:-

"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.... Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

In **Il-Pulizija vs. John Vassallo**[18], this Court, differently presided held that: Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu

[18] Presided by Mr. Justice Godwin Muscat Azzopardi on the 22nd March 1991.

ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

In another judgment **Il-Pulizija vs. John Dimech** it was held as follows: id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.[19]

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-kuntratt li gie ezebit mid-difensur tal-kwerelant a folio 134 et sequitur il-Qorti tinnota li dan il-kuntratt mhux iffirmat minn hadd u mhux vera kopja tal-original. Barra minn dan ma gie ezebit minn hadd waqt il-proceduri bil-gurament u dan kif tirrikjedi l-ligi fil-kamp kriminali u allura din il-Qorti ma tistax toqghod fuqu u b'hekk anki dan id-dokument ser jigi skartat ai fini ta' apprezzament ta' provi.[20]

**Ikkunsidrat:**

Joseph Galea ma xehedtx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt li jaghmel. L-allegazzjonijiet li ghamel mal-ufficjal tal-pulizija jibqghu biss

[19] Ikkwotati b'approvazzjoni fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Roderick Attard) vs Jesmond Seguna** deciza fit-3 ta' Frar 2023 minn din il-Qorti kif preseduta.

[20] Folio 66 datat tas-seduta 10 ta' Jannar 2025. Ara f'dan is-sens x'qalet diversi drabi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi: **Il-Pulizija vs Valentine Sciberras** (App. Nru. 244/2006) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono; **Il-Pulizija vs Raymond Azzopardi** (App. Nru. 215/2019) u **Il-Pulizija vs Anthony Debono** (App. Nru. 50/2015) it-tnejn per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera u **Il-Pulizija vs Andrew Bean et.** (App. Nru. 42/2014) per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja.

allegazzjoni. Anke *a tempo vergine* huwa ma prezenta xejn lill-pulizija sabiex isostni l-allegazzjoni tieghu, u sabiex isostni l-pussess tieghu fuq l-imsemmija kamra. Lanqas ma jidher li l-pulizija marru fuq il-post biex jikkonstataw il-verzjoni tal-kwerelant Galea. Certament dan hu nuqqas serju minn naha ta' min imsejjah biex jistharreg l-affarijiet qabel ma jinhargu dawn l-akkuzi!

**Il-Qorti tishaq li kull rapport ghandu jigi investigat u ivverifikat qabel mal-pulizija, fid-diskrezzjoni assoluta taghha f'kawzi ta' dan it-tip tressaq persuni biex iwiegbu ghal ghemilhom.**

Minn-naha l-ohra Dylan Abela u Matthew Spiteri offrew ix-xhieda taghhom. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mix-xhieda moghtija mill-imputati li l-propjeta' 81, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta hija fil-fatt taghhom u giet minnhom akkwistata minn ghand Anita Caruana, s-sid precedenti li kienet ghaddietilhom ukoll ic-cavetta tal-imsemmi fond ossija kamra u li huma kienu fil-pussess taghha fis-06 ta' Marzu 2023 kif ukoll fil-gimghat u x-xhur ta' qabel. Il-Qorti hija konvinta li malli sar il-bejgh tal-fond, is-sidien il-godda inghataw ic-cavetta tal-katnazz u li huma dahhlu fiz-zarbun tal-vendituri taghhom u huma biss kellhom f'dak il-punt access u pussess ghall-imsemmija propjeta'.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju f'mohh il-Qorti mill-provi diretti u indiretti in atti li kien Joseph Galea li wahhal il-katnazz ghax ippretenda li l-fond *de quo* huwa tieghu. B'hekk kien Galea li ha l-ligi b'idejh u dan meta kien jaf li aktar kmieni dik is-sena l-fond ghadda ghand Abela u Spiteri. Infatti hu fetah kawza fl-2023 biex jasserixxi xi drittijiet li qed jippretendi li ghandu. Pero' jibqa' l-fatt li fis-06 ta' Marzu 2023 il-fond kien qed jigi irrangat u kien fil-pussess ta' Abela u Spiteri u meta l-

kwerelant pogga l-katnazz tieghu hu tellifhom milli jidhlu fih biex jaghmlu dawk ix-xogholijiet li riedu jaghmlu fih ghax fil-fatt kienu xtrawh!

Mill-atti jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-fondi 83 u 81 huma adjacenti u jmissu ma xulxin u allura stabilit li z-zewg fond jappartjenu lill-imputati Abela u Spiteri din il-Qorti ma tarax ghalfejn dawn ma setghux jahdmu fihom fis-06 ta' Marzu 2023 u fil-jiem/gimghat u xhur ta' qabel kif qed jippretendi Galea. Il-Qorti tqis li l-imputati ma biddlux l-*istatus quo u* lanqas b'xi mod hadu l-ligi b'idejhom.

Konsegwentament, l-ewwel akkuza ma tirrizultax fil-konfront tal-imputati Abela u Spiteri u ghandhom jigu liberati minnha.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni akkuza din il-Qorti ftit li xejn ghanhda xi tghid. Ma jidhirx mill-atti li Abela u Spiteri taw xi fastidju lil Joseph Galea. L-atti huma sajma minn dawk l-elementi li jridu jigi ippruvati fit-termini tal-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din l-akkuza tirnexxi.[21] Fin-nuqqas tax-xhieda tal-kwerelant Joseph Galea bl-ebda mod ma jista' jirrizulta li huwa inghata fastidju mill-imputati ghaliex huwa stess kellu jipprova kif kien infastidjat mill-imputati. Lanqas ma ttellghu jixhdu xi terzi persuni li forsi setghu kienu xhieda ta' xi fastidju, fin-nuqqas tax-xhieda ta' l-istess kwerelant.

[21] Il-fatt li l-artikolu gie ikkwotat hazin mill-prosekuzzjoni mhux raguni validi biex din il-Qorti tillibera kif tittenta tghid id-difiza. L-imputat iwiegeb ghall-akkuza u mhux ghall-artikoli tal-ligi. Ara f' dan is-sens **Il- Pulizija vs Silvestra Silvia Scerri** (App. Nru. 445/2021/1) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri. Wara kollox il-prosekuzzjoni ma hemmx ghalfejn tnizzel l-artikoli fil-komparixxi!

Konsegwentament, it-tieni akkuza ma tirrizultax u l-imputati ghandhom jigu liberati minnha.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 85 u 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati **DYLAN ABELA U MATTHEW SPITERI MHUX HATJA** tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u qed tilliberahom minn kull htija u piena fir-rigward ta' l-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputati din is-sentenza fi kliem car u semplici.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 11 t'April 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.